# Inżul ix-xemx

Wasal Sultan il-Jum għajjien għall-aħħar
Fuq xefaq ikħal tal-Punent imbiegħed,
Hemmhekk fejn l-ibħra mas-smewwiet jitbewsu
Biex tron sabiħ tad-deh'b fuqhom jitqiegħed.

Jitla' s-Sultan fit-tron imhejji lilu
U dlonk għall-ħlewwa ta' sbuħitu msaħħra
Id-dinja taqa' f'nagħsa ħelwa w toħlom
Li tara l-kewkba mill-Profeti mfaħħra.

Għalhekk immela ta' kull filgħaxija
Mill-qniepen jidwi daqq sabiħ u ħlejju?
Għalhekk l-agħsafar l-isbaħ għana jsemmgħu,
U kullimkien ifuħ b'rifet il-plejju?

Iżda qed jgħib it-tron tad-deh'b; u saru
L-ibħra, s-smewwiet u l-art lewn in-nirien,
Tidher is-siegħa ta' l-Imħabba Kbira
Tkebbeb fi star ħamrani kullimkien.

Ftit ieħor, u ġwinħajh suwed jifrixlek
Fuq il-ħolqien il-Ħakem kbir tad-dlam,
Dalwaqt jinsatar kollox taħt mantâru,
U jaqa' n-ngħas u l-ħolm bħal biċċa rħam.

Ħall-Qormi 14-3-39. VINC. UNGARO.